MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## LAWRENCE QUINTANO

Seduta ta' l-20 ta' Settembru, 2012

Appell Kriminali Numru. 369/2011

**Il-Pulizija**
**(Spt. Nikolai Sant)**
**Vs**
**Rennie Christ Micallef**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant detentur tal-karta tal-identita` numru 280489(M), quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fis-6 ta' Marzu, 2011 għall-ħabta ta' 03.00 a.m. ġewwa l-fond "Havana", Triq San Gorg, P'ville, San Giljan kif ukoll ġewwa Triq San Ġorg :

1. pejjep f'xi fond maghluq privat jew pubbliku, li hu miftuh ghall-pubbliku hlief fi kmamar fejn jista` jsir tipjip;

2. m'obdiex l-ordnijiet legittimi mogħtija lilu mill-Pulizija persuna nkarigata minn servizz pubbliku jew ma ħallihx jew fixkel waqt li kien jaghmel id-dmirijiet tiegħu jew b'xi

mod iehor indaħal fid-dmiru, billi ma ħalliex lil ħaddiehor jagħmel dak li b'liġi ikun ordnat jew jista` jagħmel, jew billi ġab fix-xejn jew ħassar dak li ħaddieħor ikun għamel skont il-liġi; (artikolu 338(ee) tal-Kap 9;

3. inġurja jew hedded lil Supt. S. Gatt u Insp. T. Micallef persuni inkarigati skond il-liġi minn servizz pubbliku waqt il-qadi ta' dmirijiethom jew bil-hsieb li jbeżżagħhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

4. qal kliem fahxi li jikkonsisti f'dagha fil-pubbliku; (Artikolu 338 (bb) tal-Kap 9)

5. qal fil-pubbliku xi kliem oxxen jew indiċenti. (Artikoli 338(bb) u 342 tal-Kap 9).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-15 ta' Settembru, 2011, li biha wara li rat l-artikoli 338(ee), 95(1), 338(bb), 342, Chap. 315 Sec. 3, 4, 5(a)(b) L/N 414/2004 tal-Kap. 9 tal-liġijiet ta' Malta, sabet lill-appellant ħati ta' l-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u kkundannatu multa ta' €500 (hames mitt Ewro) pagabbli fi żmien sitt (6) xhur u habs (priġunerija) għal perjodu ta' tliet (3) xhur sospizi għall-erba' (4) snin.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-27 ta' Settembru, 2011, li bih talab li din il-Qorti jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonferma dik il-parti fejn huwa ġie misjub ħati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu, thassar il-parti fejn l-Ewwel Qorti kkundannatu għal tliet xhur priġunerija sospiżi għall-erba' snin u ghall-multa ta' ħames mitt Ewro u minflok tinfliġġi piena ohra skont il-ligi.

**L-Aggravju dwar il-piena**

L-aggravju huwa dwar il-piena li, skont l-appellant, hija waħda eċċessiva. L-Ewwel Qorti għamlet applikazzjoni skorretta jew interpretazzjoni inkompleta tal-Liġi għax meta erogat il-piena naqset li tqis l-import tas-subinċiż (2)

tal-artikolu 95 tal-Kap 9. Dan jipprovdi li meta l-piena stabbilita għall-atti mertu tal-akkuża miġjuba taħt is-subinċiż (1) tal-artikolu 95 tkun dik stabbilita għall-kontravenzjonijiet, il-piena ma tiżdiedx skont kif jipprovdi l-istess subinċiż (1). Għalhekk l-Ewwel Qorti qatt ma setgħet timponi l-perjodu ta' priġunerija (purche' sospiż) fil-konfront tal-appellant peress illi l-azzjonijiet minnu kommessi kienu ta' natura kontravenzjonali.

Barra dan l-appellant kien a first time offender.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

L-appellant irrinunzja għax-xhieda tiegħu.

Ikkonsidrat

Illi dan l-appell huwa limitat għall-piena inflitta mill-Ewwel Onorabbli Qorti vis a vis l-imputazzjoni numru 3. Din l-imputazzjoni taqa' taħt l-artikolu 95 tal-Kap 9 li jgħid hekk::

**'95.** (1) Kull min, f'kull każ ieħor mhux imsemmi fl-aħħar żewġ artikoli qabel dan, jinġurja, jew ihedded, jew jagħmel offiża fuq il-persuna ta' wieħed inkarigat skont il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li jkun jagħmel jew minħabba li jkun għamel dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżgħu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena stabbilita għall-inġurja, għat-theddid jew għall-offiża, meta jsiru mingħajr iċ-ċirkostanzi msemmijin f'dan l-artikolu, miżjuda bi grad.

(2) Iżda l-piena ma tiżdiedx meta hija dik stabbilita għall-kontravvenzjonijiet.

(3) Il-piena lanqas ma tiżdied meta hija dik ta' priġunerija għal mhux iżjed minn tliet xhur: iżda, f'dan il-każ, il-qorti tista', ma' din il-piena, iżżid il-multa.'

L-Ewwel Qorti imponiet multa ta' €500 li tidher li hija intiża għall-imputazzjonijiet 1 ( li għandha multa bejn €232.94 u l-€1164.69 skont l-artikolu 18(2) tal-Kap 315 applikat għall-Avviż Legali 414/2004) kif ukoll għall-imputazzjonijiet numru 2, 4 u 5. Dawn l-aħħar tliet imputazzjonijiet kollha huma kontravenzjonijiet u kull waħda għandha piena massima ta' €58.23.

Dwar it-tielet imputazzjoni, l-Ewwel Onorabbli Qorti jidher li mxiet mas-subinċiż (3) tal-artikolu 95 waqt li l-appellant qed jissottometti li fiċ-ċirkostanzi tal-każ kien japplika s-subinċiż (2) għax l-inċident kollha kien limitat għal inġurji jew theddid.

Il-Qorti, wara li semgħet ix-xhieda tas-Supretendent Stephen Gatt, qed tilqa' dan l-aggravju tal-appellant.

## Konklużjoni

Għaldaqstant, il-Qorti, qed tirriforma s-sentenza mogħtija fl-ismijiet premessi fil-15 ta' Settembru 2011 billi waqt li qed tikkonfermha fejn sabet lill-appellant ħati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih qed tirriformha billi tirrevoka dik il-parti fejn ikkundannatu jħallas €500 multa (pagabbli fi żmien sitt xhur) u għal tliet xhur priġunerija sospiżi għall-erba' snin u minflok qed tikkundannah għall-multa komplessiva ta' €558 pagabbli fi żmien xahar mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------